MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1850/2002

**Atlas Insurance Agency Limited**
**Vs**
**Alfred Attard**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm 299.41c (mitejn u disgha u disghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti premia in konnessjoni mal-hrug ta’ poloz ta’ assikurazzjoni lill-konvenut, fuq instruzzjonijiet tal-istess konvenut.

Peress illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici ghall-ispejjez, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**